MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Numru 7/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Walid Nureddin Bazena**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 7 tas-sena 2003 kontra l-akkuzat Walid Nureddin Bazena, li bih huwa gie akkuzat talli :

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap li fit-12 t'Awissu 2002, Rachel Muscat u Bazena ikkuntattjaw lil xulxin telefonikament u waslu sabiex jiftehmu li jiltaqghu Hal-Ghaxaq. F'xi hin wara s-sitta ta' filghaxija huma effettivament iltaqghu u Rachel Muscat dehret irrabjata ghal Bazena minhabba xi affarijiet li kien qieghed jghid ma haddiehor dwarhom. F'dik l-argumentazzjoni ta' bejniethom Bazena ddecieda li ggieghel lil Rachel tidhol

mieghu f'xi kmamar li huwa kellu hemmhekk u fejn kien ilu jirrisjedi ghal xi zmien.

L-argumenti bejniethom komplew hemm gew ghal madwar ghoxrin minuta. Meta Bazena ra li Rachel b'ebda mod ma riedet tirranga mieghu, beda jberren f'mohhu li tant kien ihobbha li jekk hija ma rieditx taf izjed bih hadd ma kien sejjer jehodha lilu, u kien ghalhekk li ddecieda li joqtol lil Rachel jew ipoggilha hajjitha f'periklu car f'estasi ta' mhabba.

Fil-kamra fejn allura kienu kien hemm sikkina tal-hobz biswit Bazena. Dana qabad is-sikkina f'idejh, u kif Rachel rat is-sikkina f'idejh staqsietu x'kien ser jaghmel u bdiet twerzaq. Dak il-hin hija kienet bil-wieqfa vicin is-sodda. Minnufih Bazena beda jaghtiha diversi daqqiet bis-sikkina f'diversi partijiet vitali ta' gisimha, bl-ewwel daqqa jaghtihila f'genbejha. Rachel fil-pront waqghet bejn is-sodda u l-hajt f'ghadira demm. Mitlufa minn sensieha, Bazena gholla s-sodda b'id wahda u gibed lil Rachel taht is-sodda w nizzel is-sodda ghal fuq gisimha.

Rachel kienet issa dlonk mejta. Bazena sab il-hin inaddaf fuq fuq l-art tal-vicinanzi mid-demm. Sab il-hin ukoll li jbiddel il-hwejjeg li kien liebes u li kienu mimlija demm, gabar xi effetti personali u bil-hsieb li jabbanduna dawk il-kmamar darba ghal dejjem, telaq il-barra u mar ghand habib tieghu Malta, f'Rahal Gdid.

Bazena ghamel xi jiem jistahba, izda mahkum b'rimors qawwi ghal dak li kien ghamel, wara ftit tal-jiem li l-Pulizija Maltija kienet ilha tipprova tfittxu, huwa ta ruhu f'idejn l-istess Pulizija.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Walid Nureddin Bazena sar hati ta' omicidju volontarju, u cioe talli dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Rachel Muscat jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalha l-mewt.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Walid Nureddin Bazena hati ta' omicidju volontarju, u cioe talli dolozament, bil-hsieb li joqtol lil persuna ohra jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalha l-mewt.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat, u li huwa jigi kkundannat u jehel il-piena ta' prigunerija ghal ghomru, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 492, 20, 22, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull

piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat, inkluz li l-akkuzat jigi ddikjarat bhala immigrant ipprojbit u li jinhareg ordni ta' tnehhija kontra tieghu skond l-artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) u wara li fit-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li sat-12 t'Awissu, 2002, Walid Nureddin Bazena kien ilu Malta madwar tlett snin u nofs, wara li kien dahal regolarment u temporanjament Malta mill-Libja. Ghal dan id-dhul ta' Bazena f'Malta, kienet kondizzjoni mifhuma tal-permess moghti lilu sabiex jidhol Malta, li ma setax f'Malta jezercita xi professjoni jew xoghol jew ikollu kariga jew ikun impjegat minn xi persuna ohra minghajr licenzja minghand il-Prim Ministru. Effettivament, kemm kien ilu hawn Malta, Bazena qatt ma applika u qatt ma inhariglu tali permess.
Kemm dam jghix f'Malta, Bazena kien jahdem regolarment bi qliegh ma certu Ninu li ghandu l-Aussie Bar li jinsab fil-kantuniera ta' Bir id-Deheb, Hal-ghaxaq, ftit distanza boghod minn fejn Bazena kien jirrisjedi. Huwa kien ilu tlett snin jahdem ma' dan Ninu u kellu paga fissa ta' tletin Lira Maltin fil-gimgha talli jsajjar, jahsel il-platti u gieli anke jbajjad.
Barra minn hekk, Bazena kien ilu li tilef il-passaport Libjan li huwa kellu u qatt ma kien ghamel xi rapport jew ipprova jirrimedja ghal tali telf. B'hekk gie li huwa kien spicca f'Malta bi ksur tal-ligi ghaliex mhux biss kien impjega ruhu b'mod illegali imma anke ma kellux xi permess estiz skond il-ligi sabiex jibqa hawn Malta.
Illi b'eghmilu l-imsemmi Walid Nurredin Bazena sar hati talli kiser wahda mill-kondizzjonijiet, inkluza kundizzjoni mifhuma, li tahtha inghatalu permess li jinzel l-art jew permess li jinzel l-art u jibqa Malta jew inghatalu permess ghal residenza.
Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Walid Nureddin Bazena hati talli kiser wahda mill-kondizzjonijiet, inkluza kundizzjoni mifhuma, li tahtha inghatalu permess li jinzel l-art jew permess li jinzel l-art u jibqa Malta jew inghatalu permess ghal residenza.
Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat, u li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' multa ta' mhux izjed

minn hames mitt Lira jew prigunerija ghal zmien ta’ mhux aktar minn sitt xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 11(1), u 23(a) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fl-artikoli 17(b), 20, u 22 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista’ tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat, inkluz li l-akkuzat jigi ddikjarat bhala immigrant ipprojbit u li jinhareg ordni ta tnehhija kontra tieghu skond l-artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat illi waqt is-seduta tal-lum , l-akkuzat mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza , wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-twegiba w tatu ftit taz-zmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta , l-akkuzat baqa’ jtenni t-twegiba li hu kien hati ;

Tiddikjara ghalhekk lill-Walid Nureddin Bazena hati talli fit-12 t’ Awwissu, 2002, go Hal Ghaxaq, ftit wara s-6 p.m. ikkommetta omicidju volontarju w cioe’ talli dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Rachel Muscat jew li jqieghed il-hajja taghha f’perikolu car , ikkagunalha l-mewt u dana skond l-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza;

Kif ukoll tiddikjara lill-istess Walid Nureddin Bazena hati talli fit-tlitt snin u nofs qabel it-12 t’ Awwissu, 2002, wara li kien dahal Malta regolarment , kiser wahda mill-kondizzjonijiet , inkluza kundizzjoni mifhuma , li tahtha nghatalu permess li jinzel l-art jew permess li jinzel l-art u jibqa’ Malta jew inghatalu permess ghar-residenza w dana skond it-tieni kap tal-Att tal-Akkuza;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur, tal-abbli prosekutur u tal-parte civile dwar il-piena ;
Semghet ix-xhieda ta’ missier il-vittma John Muscat;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali , fejn iddikjara li l-Prosekuzzjoni qed tippretendi w titlob, li bhala piena, din m'ghandix tkun anqas minn tlieta w ghoxrin sena prigunerija w dana ghal ragunijiet indikati fl-istess nota ;

Qieset li ghalkemm il-piena ghar-reat ta' omicidju volontarju hija dik ta' ghomor il-habs, skond l-artikolu 492 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta f'xi stadju qabel jigi ffurmat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu, l-Qorti tista', minflok il-piena msemmija, taghti l-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tmintax-il sena sa tletin sena ;

Qieset favur il-hati, l-fatt li hu rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-process u qabel ma giet iffurmata l-gurija, kif ukoll li kien hu stess li kien ta ruhu f'idejn il-Pulizija xi ftit granet wara l-kommissjoni tar-reati w ammetta l-htija tieghu fl-istqarrijiet li hu ghamel mall-Pulizija w li wara kkonferma bil-gurament , kif ukoll li sahansitra rregistra ammissjoni anki fl-istadju finali tal-kumpilazzjoni w cioe' fis-seduta tal-21 ta' Jannar, 2003 (Fol. 278 tal-atti tal-kumpilazzjoni).

Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja; (Ara "Ir-Repubbklika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", Qorti Kriminali , [24.2.1997] ; "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" , Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002] u BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.);

Qieset ukoll favur il-hati l-eta' w l-kondotta incensurata tieghu kif ukoll iz-zmien li hu lahaq ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn l-akkuzi ;

Qieset mill-banda l-ohra li dan id-delitt imdemmi li fih, wara li l-hati ta mhux inqas minn ghoxrin daqqa ta' sikkina kbira lil Rachel Muscat, dahhalha taht is-sodda w hallieha tizvina sal-mewt , ma jidher li ghandu ebda attenwanti w estenwanti. B'dan id-delitt giet mitmuma hesrem il-hajja ta' tfajla zaghzugha w dana biss ghax hi riedet taqta' relazzjoni li hi kellha ghal xi zmien mall-hati w hu hass li

dan il-fatt kien ser jirrifletti hazin fuq l-irgulija tieghu w ghax kienet bin-nervi mieghu ghax kien qal xi haga fuqha ma terzi , ragunijiet jew moventi dawn li zgur b’ebda mod ma jiggustifikaw l-eghmil kiefer tieghu;

Qieset ukoll li anki jekk dan kellu jitqies delitt ta’ naturali passjonali fl-ahjar ipotesi ghal hati – ghaliex il-fatt li hu kien heba l-arma minn granet qabel jista’ jindika xort’ohra – ma jnaqqas mill-gravita’ tar-reat;

Qieset ukoll li l-hati jidher li abbuza mill-imhabba li kellha ghalih il-vittma biex setgha jasal biex ghamel dak li ghamel;

Qieset ukoll li apparti r-reat ta’ omicidju volontarju l-hati kiser id-dispozizzjonijiet tal-Kap.217 u li kien ilu qieghed u jahdem f’Malta ghal madwar tlitt snin u nofs bi ksur tal-ligi w ghalhekk japplikaw ir-regoli tal-konkors tal-pieni ghad-diversi reati minnu kommessi skond l-artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat l-artikoli 211 (1) (2), 492, 20, 22, 23, 17 u 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta w l-artikoli 11(1), 14, 15 u 23 (a) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Tikkundanna lill-hati Walid Nureddin Bazena ghall-piena ta’ hamsa w ghoxrin sena prigunerija mil-lum, kif ukoll li jhallas is-somma ta’ elf u tnejn u disghin lira Maltin u disa’ centezmi (LM1092.09c), import tal-ispejjez tal-perizji inkorsi tul il-process tal-hati a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u, fil-waqt li tiddikjara lill-hati Walid Nureddin Bazena bhala immigrant ipprojbit, tordna li jinhareg ordni ta’ tnehhija tieghu minn dawn il-Gzejjer skond l-artikoli 14 u 15 tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema ordni ghandu jigi esegwit appena w biss wara li jiskonta l-piena tieghu skond din is-sentenza. .

Fl-ahhar nett tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f’ terminu ulterjuri ta’ sitt xhur prigunerija skond il-ligi.

---------------------------------TMIEM---------------------------------